MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8

It-Tlieta 23 ta' Mejju 2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma Kienx hemm

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

### 8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm

### 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**8.2.1** Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret fi April 2017.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Viċi Sindku Christopher Bruno.

### 8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**8.3.1** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ittra li rċeviet mingħand residenta li toqgħod fi Trejqet Francesco Chircop b'ilment rigward 'bollard' li twaħħlet minn naħa tal-Kunsill wara l-approvazzjoni ta' Transport Malta kif stipulata bil-liġi.

Wara li 'nqrat l-ittra fis-Seduta l-Kunsill qabel unanimament li din l-istess ittra għandha tintbgħat lil Transport Malta biex b'hekk dawn ta' l-aħħar jiggwida lill-Kunsill b'opinjoni teknika għal dak li qed jiġi nnutat fl-ittra stess.

**8.3.2** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar titlu ta' rebħa li ġabu l-grupp sportiv tad-darts fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Ġużepp, peres li rebħu l-Kampjonat.

Is-Sinjura Sindku saħqet illi dan il-grupp għandu jingħata xi tip ta' rikonoxximent kif diġa ġie diskuss aktar kmieni din is-sena f'Seduta preċedenti, waqt l-attivita' ta' Jum il-Kalkara.

8.3.4 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar xogħolijiet li saru minn naħa tal-ħaddiema tal-Kunsill stess madwar il-lokal fosthom:

Żebgħa u xogħolijiet manwali fil-bandli u l-inħawi tal-madwar.

8.3.5 Is-Sindku nfurmat ukoll il-Kunsill illi ser ikunu qed isiru xogħolijiet minn naħa tal-Gvern Ċentrali biex isir 'Storm Water Culvert' kbir fit-toroq imsemmijijn hawn taħt:

Triq Giovanni Ricasoli
Triq San Lawrenz
Triq il-Kapuċċini

Kif ukoll

Ser isiru xogħolijiet ta' restawr fuq ġirni fid-dawra ta' mal-baħar kif ukoll konversjoni fuq 'Bighi Day Care Centre'.

8.3.5 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ħarġa kulturali f'Għawdex li ser tkun qed torganizza aktar tard f'dan ix-xahar għal anzjani u l-Familja kollha.

8.3.6 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar servizz ta' ferrovija li ser tkun qed topera madwar il-Kalkara kollha. Dan is-servizz ser ikun qed jibda mit-3 ta' Ġunju 2017.

8.3.7 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat lil dawk il-Kunsilliera li ma kienux preżenti fil-laqgħa formali li saret maċ-'Chief Executive Officer' tal-Lands Department rigward il-problema li l-Kunsill jinsab fiha minħabba nuqqas ta' spazju ta' uffiċini u problemi finanzjarji rigward il-Berġa fil-lokal.

Dan id-Dipartiment ser ikun qiegħed jiċċekja u jgħin il-Kunsill isolvi din il-problema mill-aktar fiss possibli jekk hemm xi post vakant li jaqgħa taħt ir-respnsabbilta' tagħhom stess abbażi ta' dak kollu li 'ntqal waqt din il-laqgha formali skedata iktar kmieni dan ix-xahar.

## 8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 8.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku

a Is-Sur Chris Bruno għadda suġġeriment li fil-futur u fejn hu possibli bl-approvazzjoni ta' Transport Malta jinħolqu rottot ta' Toroq

temporanji (devjazzjoni tat-traffiku) fejn ikunu qegħdin isiru xi xogħlijiet fit-tul fit-toroq prinċipali biex b'hekk inaqqsu l-inkonvenjent lejn ir-residenti. Il-Kunsill oġġezzjona għal dan is-suġġeriment.

b Is-Sur Chris Bruno staqsa lill-Kunsill jekk jistax jagħti 'Sponsorships' f'każijiet partikolari minħabba li hu stess ġab talba biex il-Kunsill jagħti 'sponsor' f'kuntest tal-moda.

Is-Seg.Eżek. ikkonfermat illi l-Kunsill ma jistax jagħti 'Sponsorships' fl-ebda okkażjoni minħabba ksur ta' liġi.

c Is-Sur Chris Bruno għadda lment fuq ħofor fi Triq il-Kapuccini in-naħa ta' fejn inbnew blokka ta' flats ġodda biex b'hekk jiċċekjaw il-ħaddiema tal-Kunsill x'wieħed jista jagħmel.

8.4.2 **Maria Sultana – Kunsilliera**

**A.** Il-Kunsilliera Maria Sultana talbet li titwaħħal mera fi Triq is-Sienja kantuniera ma' Triq il-Luqqata minħabba li l-karozzi li jiġu biex joħorġu mill-iskola qed isibuwa diffiċli bil-karozzi ipparkjati fl-inħawi.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni rigward il-punt imsemmi.

8.4.3 **Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier**

**A.** Is-Sur Pawlu Bongailas, għarraf il-Kunsill illi l-bandiera tal-Kunsill ser tkun qed tiġi meħjuta minn persuna differenti wara li kellem il-persuna li oriġinarjament kien ser jagħmilha u kkonfermalu li minħabba raġunijiet personali mhux ser ikun qed jagħmilha hu.

**B.** Is-Sur Palwu Bongailas informa l-Kunsill dwar 'Zebra Crossing' issuġerita minnu waqt Seduta preċedenti tal-Kunsill fl-inħawi ta' Ġnien is-Salvatur fi Triq ix-Xatt ġiet approvata minn Transport Malta b'email u mhux b'ittra formali s'issa.

**Ċ.** Is-Sur Pawlu Bongailas, informa l-Kunsill dwar ilment li għaddewlu in-nies stess kif ukoll kien preżenti hu fl-uffiċini tal-Kunsill meta ġrat

din il-kwistjoni fejn is-Seg.Eżek. u s-Sindku kellhom argument fuq karti li ġew ipprintjati darbtejn għalxejn wara li l-istess notifika kienet ġiet ippublika aktar kmieni din is-sena fuq il-fuljett li joħroġ il-Kunsill stess.

Is-Sinjura Speranza Chircop saħqet illi hi lesta tħallas minn butha l-ispiza tal-karti li ġew ipprintjati doppji.

Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi l-punt hu li dawn kienu ħela ta' karti u riżorsi biex tqassmu meta r-residenti kienu diġa nfurmati dwar dan.

### 8.4.4 Is-Sur Vince Bongailas - Kunsillier

**A** Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Seg.Eżek. tiċċekkja mal-ħaddiema tal-Kunsill stess meta jkun irid isir xi xogħol ta' manutenzjoni jekk jistax isir minn naħa tagħhom qabel ma jitqabbad xi kuntrattur.

Is-Seg.Eżek. ikkonfermat illi din il-biċċa tax-xogħol diġa kienet qed issir u ilha issir minn dejjem.

**B** Is-Sur Vince Bongailas talab li tingħata mill-ġdid tal parkeġġi fi Triq l-Isptar Navali.

C Is-Sur Vince Bongailas talab li jsir qtugh ta' ħaxix fit-telgħa ta' Bighi.

D Is-Sur Vince Bongailas issuġerixxa illi meta ix-xogħlijiet fi Triq Marina li hemm fil-preżent jitlestew tajjeb illi l-Kunsill jibgħat notifika lir-residenti kollha biex dawn ikunu nfurmati formalment.

E Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Seg. Eżek. tagħmel rapport formali lil Pulizija tad-distrett fuq karozzi parkjati fl-inħawi tal-Kunsill Lokali b'numri tar-reġistrazzjoni barranin biex jinbgħu mis-sidin.

F Is-Sur Vince Bongailas talab li tintbgħat email formali lill-Aministraturi ta' Esplora biex f'attivitajiet li jkollhom huma stess kif ukoll f'Bighi jinfetaħ il-parkeġġ ta' Triq Luigi Pisani biex b'hekk jitnaqqsu l-ilmenti mir-residenti fuq in-nuqqas ta' parkeġġ.

## 8.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

8.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 7.17 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 8.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 8.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

8.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju 2017 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum it-Tlieta 23 ta' Mejju, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |